**Skrittura Privata**

Illum, 16 ta' Gunju 2021.

Qeghdin jidhru fuq dina l-iskrittura privata:

**Fuq in-naha l-wahda;**

**THE MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY** entita governativa fis-settur tal-edukazzjoni, sitwata ġewwa Triq Kordin, Raħal Ġdid, rappreżentata minn Profs. il-professur Joachim James Calleja (K.I. 374557M) fil-kapaċita tiegħu bħala principal,minn isss imsejjha bhala **"MCAST"** f'dina l-iskrittura;

**Fuq in-naha l-ohra;**

**THE MALTA UNION OF TEACHERS,** Union sitwata 759, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Hamrun rappreżentata minn Mr Marco Bonnici minn iss imsejjaha bhala **"MUT"** f'dina l-iskrittura;

Il-Partijiet jaqblu dan illi ġej:

Il-Partijiet jaqblu li l-ftehim kollettiv bejn l- MCAST u l- MUT dwar il-gradi maniġerjali li ġie iffirmat nhar l-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2021, jorbot liz–żewġ naħat li l-implimentazzjoni immedjata tiegħu tkun marbuta mas-segwenti kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet;

1. Fl–iqsar żmien possibbli jibdew u jintemmu t-taħditiet li jwasslu għal ftehim dwar gradi tal professorat fuq il–proposta ta' l- MCAST li giet sottomessa lil MUT fil – 11 ta' Gunju 2021.

2. Jinbdew fl-iqsar żmien possibbli t-taħditiet fuq il-proposti tal-MUT dwar il-gradi ta Diretturi u Assistenti Diretturi.

3. Li l-*lecturing grades* kollha jagħtu b' mod immedjat ir – riżultati ta' l–istudenti kollha u jsiru s-*synoptic assessments* biex tingħalaq is–sena akkademika 2020-2021.

4. Jibdew minnufih taħditiet mal-IRU biex niccaraw ir-rikonoxximent tal gradi msemmija fl-email iddatata 4 ta' Ġunju 2021 li l-MUT bagħtet lil MCAST.

Kwalunkwe emenda ta' din l-iskrittura tista issir biss bil-miktub u bi qbil bejn il-Partijiet biss.

**Prof James Joachim Calleja**
**MCAST**

**Mr Marco Bonnici**
**MUT**